- KERA –

- VEROSIMILJANZA HIJA FORMA TA' KORROBORAZZJONI -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' Lulju 2001**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 141/99/RCP**

**Michael u Felicia konjugi Seychell**

**vs**

**Antonia Attard Gialanze**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi f'Settembru, 1994 l-atturi krew lill-konvenuta il-garaga bl-isem "Anna" fi triq l-Iskola, Fgura bil-kera ta' tmien mitt lira (Lm800) fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

Illi l-konvunuta hallset biss zewg skadenzi trimestrali u ghandha thallas lill-atturi l-kera ghall-perjodu mit-3 ta' Marzu 1995 sat-2 ta' Marzu, 1999 fl-ammont komplessiv ta' tlett elef u mitejn lira (Lm3,200);

Illi dan il-kreditu ta' l-atturi huwa cert, likwidu u dovut;

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan in vista tad-dikjarazzjoni guramentata mmarkata Dokument A;

2. Tikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef u mitejn Lira Maltin (Lm3,200) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru, 1998 bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Il-konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 6 tal-process.

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 1999 fejn Dr Albert Libreri talab l-isfilz tan-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta billi din mhix awtorizzata. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz ta' din in-Nota tal-Eccezzjonijiet. Dr Herrera ghall-konvenuta ddikjara li ghandha eccezzjoni valida x'taghti u din hija li mhux veru li hemm lokazzjoni favur il-konvenuta u talab li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lill-konvenuta biex tipprezenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha. Il-kawza giet differita ghall-20 t'Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenuta qatt ma kriet il-fond indikat mill-attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 13 tal-process.

Rat il-verbal tal-20 t'Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-atturi tal-14 ta' Jannar 2000 fejn permezz taghha pprezentaw l-affidavit taghhom u xi dokumenti (fol 18 sa 24).

Rat il-verbali tal-21 ta' Frar 2000 fejn Dr Libreri ddikjara li m'ghandux provi aktar, tat-12 ta' Mejju 2000, tat-13 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-14 ta' Gunju 2000 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha (fol 30 sa 33 tal-process).

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2000, tal-5 t'April 2001, tad-9 ta' Mejju 2001, tal-21 ta' Mejju 2001 fejn xehdu Michael Seychell in kontro-ezami u Felicia Seychell. Dr David Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar u talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffigiet terminu ta' hmistax-il jum ghall-prezentata tal-istess nota bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 15-il jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta tal-1 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-kawza qed issir stante li l-atturi qed jallegaw li huma krew lill-konvenuta u l-garaxx bl-isem “Anna” fi Triq l-Iskola, l-Fgura verso il-kera ta’ tmien mitt lira Maltija (Lm800) fis-sena pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem, u qed jitolbu l-hlas tal-kera ghall-perjodu bejn it-3 ta’ Marzu 1995 sat-2 ta’ Marzu, 1999 li jammontaw ghall-tlett elef u mitejn lira Maltija (Lm3,200).

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta qed issostni li qatt ma kien hemm ebda ftehim ta’ kera, izda kien sar negozju bejn il-partijiet fejn l-konvenuta kellha tissiplixxi l-merca u l-atturi joffru l-garaxx taghhom sabiex isir l-istess negozju, tant li l-profitt li kien hemm kien inqasam, kif ukoll l-effetti mobbli li kien fadal.

Illi **l-attrici** permezz ta’ l-affidavit taghha tat-13 ta’ Jannar 2000 a fol. 21 sa 23 tal-process sostniet li giet avvicinata mill-konvenuta sabiex tikri l-istess garaxx u l-atturi talbuha Lm800 fis-sena, u l-konvenuta accettat u ftehmu li l-hlas tal-istess issir kull tlett (3) xhur bil-quddiem. Fil-fatt l-ghada halsitha is-somma ta’ Lm300 ghall-ewwel skadenza ta’ tlett (3) xhur, u l-ftehim kien sar fl-4 ta’ Settembru 1994, u peress li l-istess konvenuta ma rieditx ricevuta, l-attrici ghamlet notament fuq pitazz li kopja tieghu tinsab esebita bhala Dok. “FS 1”. Jumejn wara l-hlas il-garaxx inghata lill-konvenuta lest u imbajjad; wara bidlu wkoll il-bieb tal-garaxx u meta tawha c-cavetta l-gdida, l-konvenuta qaltila

sabiex izomm kopja hija wkoll sabiex meta tinsa c-cavetta jkollha biex tiftah.

Illi fl-istess hanut l-istess konvenuta gabet *fridges*, ghamara, *cookers*, umbrellel u oggetti simili li sostniet li kienet xtrat bhala lot minghand il-Wimpy, u l-attrici fehmet li kienet qed tahzen l-oggetti hemm sabiex tbieghom mid-dar f'*garage* li l-istess konvenuta kellha, u ghad ghandha gewwa l-Isla, u wara kienet ghamlet ukoll *"sale"* gol-istess garaxx.

Illi f'Dicembru 1994 regghet thallset il-kera mill-konvenuta, pero' f'Marzu 1995 l-konvenuta naqset milli thallas l-iskadenza li jmiss, u l-istess gara fl-iskadenza ta' Gunju 1995, u meta l-attrici marret tkellem lill-konvenuta din dejjem weghdita li ser thallas, anke kif tbiegh l-oggetti li kien hemm fil-garaxx, izda baqghet inadempjenti nonostante li l-attrici marret tfittixha kemm-il darba sabiex tithallas il-kera u ghalhekk saret din il-kawza.

Illi in kontro-ezami fil-21 ta' Mejju 2001 l-istess attrici qalet li gieli ghamlet xoghol ta' sensara pero' ma ghamlet ebda negozju iehor. L-ebda ktieb jew ricevuta ta' kera ma saret peress li l-konvenuta ma rieditx. Qalet li hija qatt ma kienet tkun il-garaxx. Il-konvenuta kienet tigi bil-karozza u tghabbi l-ghamara, pero' mindu l-atturi qabdu l-avukat kienet ilha ma tersaq lejn il-garaxx. Ikkonfermat li l-garaxx hija qatt ma fethitu anke ghaliex il-konvenuta ghandha cavetta ghandha u ghad hemm l-affarijiet taghha hemmhekk.

Illi **l-attur** b'affidavit tieghu tat-13 ta' Jannar 2000 a fol. 20 tal-process ikkonferma x-xhieda kollha ta' martu u sostna wkoll li f'okkazzjoni minnhom l-konvenuta kien weghdet lill-attrici li kienet ser thallas anke l-imghax fuq l-iskadenzi ta' kera li kienu dovuti, pero' dawn qatt ma hallsithom, anzi meta iltaqa' mal-konvenuta il-Qorti, din qaltlu li ma kienitx ser thallas peress li hija kienet falluta.

Illi in kontro-ezami li sar fil-21 ta' Mejju 2001 l-istess attur sostna li d-Dok. "FS" a fol. 24 tal-process inkiteb minn martu, u li qabel mal-garaxx kien mikri lill-konvenuta kien mikri lill-certu Toni Farrugia. Sotsna li l-garaxx kien ilu ma jifetah minn 1994 u qatt ma dahal fih huwa ghaliex il-konvenuta halliet l-affarijiet taghha fih. Sostna li martu qatt ma ghamlet negozju hlief ta' sensara ta' immobbli.

Illi **l-konvenuta** min-naha l-ohra b'affidavit taghha tal-14 ta' Gunju 2000 sostniet li hija qatt ma hallset lill-attrici ebda kera ghaliex kieku tatha Lm400 kienet titlob ricevuta tal-istess. Illi li gara kien li hija kienet akkwistat apparat tal-*catering* u ftehmu li l-attrici toffri l-garaxx taghha sabiex l-istess oggetti jigu esposti hemm u l-qliegh mill-bejgh tal-istess apparat jinqasam bin-nofs bejniethom, apparti li l-istess attrici tiehu s-somma ta' Lm400 bil-quddiem. Fil-fatt l-konvenuta hallsitha tali flus u bihom l-attrici ghamlet bieb tal-garaxx gdid.

Illi skond l-istess konvenuta l-ewwel ma ghamlu kienu li nadfu l-istess garaxx ghaliex qabel fih kienu jinzammu l-animali, u wara ghamlet avviz fit-*Times.* Konsegwenza ta' dan l-avviz gew diversi nies jixtru u l-profitti inqassmu bin-nofs. Wara qasmu l-affarijiet li kien fadal bejniethom, u allura hija hadet l-affarijiet taghha f'post taghha St. Paul's Street, Bormla, u dan kien wara xi sitt (6) xhur.

Illi fin-1997 l-attrici kienet giet talbitha l-kera, pero' l-konvenuta fakkritha li dak li kien hemm fil-garaxx kienu mobbli taghha, u mill-bqija cahdet dak kollu li l-attrici qalet fuqha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet jaghtu versjoni ghal kollox differenti tal-uzu li sar mill-*garage* bl-isem "Anna", fi Triq l-Iskola l-Fgura, meta filwaqt li l-atturi allegaw li krew l-istess *garage* lill-konvenuta bir-rata ta' kera annwali ta' Lm800 fis-sena pagabbli bi tlett xhur il-quddiem b'effett mit-3 ta' Settembru 1994, l-konvenuta min-naha l-ohra qed issostni li hija ghamlet negozju mal-istess attrici fis-sens li l-atturi ifornu l-*garage* sabiex il-konvenuta tesponi fih mobbli u ghamara li hija kienet akkwistat minghand terzi sabiex meta jinbieghu il-profitt mill-istess bejgh jinqasam bejn il-partijiet b'dan ukoll li l-attrici tithallas oltre s-sehem tal-profitti s-somma ta' Lm400 bil-quddiem, kif fil-fatt thallset.

Illi meta l-gudikant ghandu quddiemu tali versjonijiet kompletament divergenti ghal xulxin huwa ghandu jara

liema minn dawk l-istess versjonijet jinsabu korroborati b'xhieda jew dokumenti relattivi u wkoll liema wahda minn tali versjonijiet hija l-aktar verosimili.

Illi dan ma jfissirx li kull parti li qed tallega ma jibqaliex l-oneru li tipprova l-allegazzjonijiet taghha minnha vantanti u skond il-ligi, izda tali forma ta' korroborazzjoni u verosimiljanza jikkumplimentaw tali regoli ta' oneru tal-prova tant li jista' jinghad li dik il-versjoni li tigi kkunsidrata bhala verosimili u ikkorroborata tkun issodisfat l-oneru tal-provi taghha, u ghalhekk tali regoli ta' prova u xhieda huma konsistenti u komplimentari ghal xulxin. Illi dwar il-verosimiljanza qed jigi wkoll konfermat dak li gie ritenut fil-gurisprudenza nostrali li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni.

Illi wiehed mal-ewwel jinnota li t-tezi tal-konvenuta hija mibnija fuq il-fatt li meta thallsu l-ammont ta' Lm400 mill-konvenuta lill-attrici ma nharget l-ebda ricevuta, u l-konvenuta fuq dan tkompli tghid illi kieku vera kien hemm ftehim ta' kera hija ma kienitx ha thallas minghajr ma tirrikjedi ricevuta.

Illi dan l-argument mehud wahdu jista' jkun li ghandu certu valur, pero` meta mqabbel mal-kumplament tal-versjoni moghtija mill-istess konvenuta dan assolutament jaqa' wahdu anzi jdur kontra taghha. Dan jinghad peress li l-konvenuta nfisha ammettiet li hija fil-fatt hallset is-somma ta' Lm400 bil-quddiem lill-attrici, u dan skond hi thallas

bhala s-sehem tal-attrici mill-istess negozju allegat mill-konvenuta oltre n-nofs mill-profitti tal-bejgh tal-istess mobbli. Illi meta hallset dan l-ammont lill-attrici l-konvenuta xorta ma nsistietx u lanqas inhargitilha ricevuta, u allura l-argument taghha li ghall-hlas ta' kera kienet tirrikjedi ricevuta ma jreggix ghaliex proprju meta hallset is-somma ta' Lm400 xorta ma nhargitiliex u lanqas talbet ghar-ricevuta. Mela l-argument tal-konvenuta m'ghandu l-ebda sahha ghaliex ammess li sar il-pagament kien ta' liema natura kien l-istess konvenuta la ottjeniet u lanqas talbet ricevuta, nonostante l-hlas taghha.

Illi mhux hekk biss izda l-konvenuta sostniet li ghamlet pagamenti ohra ekkwivalenti ghal dak li allegat li kienu nofs il-profitti mill-bejgh tal-mobbli taghha mill-istess *garage*, u lanqas dan ma jidher li gie dokumentat, u fl-atti tal-kawza lanqas biss gie kwantifikat.

Illi aktar minn hekk il-konvenuta ghalkemm sostniet li l-bazi tan-negozju kien proprju l-qliegh mill-oggetti mobbli taghha imkien ma identifikat f'xi stadju tal-kawza x'kienu dawn il-mobbli, x'kien il-valur taghhom, x'kien il-profitt fuqhom, x'inbiegh mill-istess mobbli, x'baqa' mill-istess mobbli, u fl-ahharnett liema mobbli gew moghtija bhala sehemha lill-attrici u liema mobbli nzammu mill-konvenuta bhala sehemha min-negozju. Risposti ghal dan ma jirrizultax li hemm, la mix-xhieda tal-konvenuta u forsi aktar importanti lanqas jidher li sar xi forma ta' akkordju jew rendikont dwar l-istess bejn il-partijiet fl-ebda stadju tat-trattativi taghhom.

Illi dawn in-nuqqasijiet u l-kweziti fix-xhieda tal-istess konvenuta irendu l-versjoni taghha ghal kollox inverosimili, u dan peress li la darba n-negozju li allegat il-konvenuta kien proprju bbazat fuq l-ammont u l-valur ta' mobbli u l-qliegh minnhom dawn id-dettalji nieqsa kellhom ikunu l-bazi tal-istess ftehim. Invece t-tezi tal-istess konvenuta thalli kollox fi stat fluwidu u ghal kollox incert, liema nuqqasijiet jaghmlu t-tezi tal-istess konvenuta ghal kollox inverosimili, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li la darba skond it-tezi tal-konvenuta l-mobbli li baqa' fil-garaxx kienu biss jappartjenu lill-attrici mela allura jibqa' misterjuz ghaliex la darba skond il-konvenuta in-negozju gie konkluz hija baqghet izzomm ic-cwievet tal-istess *garage*, anke jekk ma kienx baqghala ebda interess fih.

Illi kuntrarju ghal dan kollu it-tezi tal-attrici hija kkoroborata kwazi fid-dettalji kollha fejn kien prezenti zewgha l-attur, u minn tali tezi johrog car li kien hemm ftehim ta' kera ghall-istess *garage* bir-rata annwali ndikata fic-citazzjoni u bl-iskadenzi kull wahda ta' tlett xhur hemm imsemmija li fil-fatt gew onorati mill-konvenuta biss ghall-iskadenzi tat-3 ta' Settembru 1994 u tat-3 ta' Dicembru 1994. Illi jirrizulta wkoll ippruvat sodisfacentament li l-attrici kemm-il darba avvicinat lill-konvenuta sabiex jithallsu l-arretrati ta' kera minnha dovuta, u l-konvenuta qatt ma cahdet li tali ammonti huma dovuti minnha, anzi dejjem weghdet u promettiet li ser thallashom, anke quddiem l-attur, pero` hija baqghet inadempjenti, anke jekk sostniet li kellha

tbiegh xi oggetti minn hanut iehor u anke tirhan xi deheb sabiex thallas id-debiti taghha. Ovvjament dan m'ghamlitux u ghalhekk saret il-kawza odjerna.

Illi apparti dan l-istess attrici jirrizulta li zammet notamenti tal-pagamenti ta' kera li saru minnha u kopja tal-istess notamenti giet esebita f'din il-kawza, u dawn fihom infishom jikkorroboraw ukoll il-versjoni tal-atturi li hija bil-bosta aktar verosimili mill-versjoni moghtija mill-konvenuta.

Illi taht dan l-aspett issir referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta il-kwotazzjoni mill-kawza fl-ismijiet "**G Mifsud vs P Micallef**" (P.A. 1 ta' Lulju 1997) fejn f'dik il-kawza inghad li:

"*meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc tal-probabiltajiet favur l-istess attur"*.

Illi ovvjament din l-kwotazzjoni ma tapplikax ghall-kaz *de quo* u dan peress li l-versjoni tal-konvenuta assolutament ma hijiex verosimili u la darba kien l-oneru taghha li tipprova l-allegazzjoni minnha vantata bil-provi minnha mressqa hija dan ma rnexxiliex taghmlu.

Illi saret referenza wkoll ghall-kawza ohra fl-ismijiet "**Dr H Lenicher vs J Camilleri**" (P.A. 31 ta' Frar 1972) fejn inghad illi:

"*F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li dak li gara kien tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu.*"

Illi f'din il-kawza japplika dejjem l-istess principju fuq ennuncjat ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-atturi rnexxielhom jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom li huma wkoll ikkorroborati kif fuq inghad u wkoll l-istess versjoni taghhom hija verosimili mentri l-versjoni tal-konvenuta hija nieqsa minn kull element ta' korroborazzjoni u ghal kollox inverosimili.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

2. Tikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef u mitejn Lira Maltin (Lm3,200) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru, 1998 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' Lulju 2001**